MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2006

Avviz Numru. 443/2004

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Nazzareno Zammit u l-istess Nazzareno Zammit**

**vs**

**Alfredo Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat id-19 t' Awissu tas-sena 2004 li permezz tieghu s-socjeta' nomine kif debitament surrogata sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' elf disa' mija u sitta u tletin Lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu, (LM1,936.44,0), in linea ta' danni – minnu kagunati – in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara fi Triq tal-Barrani, Zejtun nhar is-27 ta' Awissu tas-sena 2002 meta l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAG – 462 u dahal gol-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAE – 996 proprjeta' ta' Nazzareno Zammit u misjuqa mill-istess nazzareno Zammit – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

2. Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficcjali presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-konvenut datata l-10 ta' Novembru tas-sena 2004 li permezz eccepixxa s-segwenti:

1. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx b'tort tal-eccipjent izda b'tort ta' l-attur Nazzareno Zammit, u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk l-eccipjent m'ghandu jkun ikkundannat ihallas ebda danni;

2. Illi f'kull kaz, u minghajr pregudizzju ghal premess, l-atturi jridu jaghmlu l-prova tad-danni rejalment subiti minnhom;

3. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi fi Triq tal-Barrani, iz-Zejtun, fis-27 t'Awissu tas-sena 2002 ghall-habta ta' nofs inharsehhet kollizjoni awtomobilistika li fiha kienu involuti l-vettura tal-marka Peugeot 405 bin-numru ta' registrazzjoni AAE – 996 misjuqa minn Nazzareno Zammit mid-direzzjoni ta' Hal Tarxien lejn Bir id-Deheb u l-vettura, "truck" tal-marka Bedford bin-numru ta' registrazzjoni JAG – 462 misjuqa minn Alfredo Zammit mid-direzzjoni opposta u cioe, mid-direzzjoni ta' Bir id-Deheb lejn Hal Tarxien;

2. Illi minn dan il-punt il-quddiem il-verzjonijiet tal-konducenti jikkontrastaw ma' xulxin;

3. Illi s-surrogat Nazzareno Zammit isostni li waqt li hu kien qed isuq b'velocita' pjuttost normali fil-karreggjata esterna fid-direzzjoni indikata qabel, u meta d-dwal li jidderiegu t-traffiku tat-triq de quo li kien wasal ghalihom kienu ghadhom fuq il-kulur ahdar fil-konfront tieghu, ra lill-vettura tal-konvenut tibqa' ssuq;

4. Illi ghalhekk l-attur surrogat isostni li l-incident hu unikament dovut ghas-sewqan inkonsult tal-konvenut li baqa' jsuq nunkuranti mill-kulur ahmar li kellu fil-konfront tieghu;

5. Illi pero' minn naha tieghu il-konvenut isostni li meta kien qed isuq u wasal hdejn d-dwal fejn sehh l-incident isostni li " … sibt id-dawl u ma stajtx naqsam, xeghelt il-vlegga ... kif qlajt giet u baqa''diehel fuqi u habat fi-double wheel ta' wara";

Ikkunsidrat:

Illi l-partijiet ezaminaw in extenso s-sentenza preciza ta’ kif jaqilbu d-diversi kuluri tad-dwal li hemm fl-imsemmija triq biex jippruvaw jirrazjonalizzaw l-incident;

Illi pero’ fin-nuqqas ta’ xhieda okulari jew ta’ xi prova ohra viziva li turi kif effettivament sehh l-incident in dizamina, din il-qorti qatt ma tista’ tkun legalment sodisfatta minn verzjoni jew ohra pprzentata quddiemha;

Illi jirrizulta assodat li s-socjeta’ attrici nomine helset lill-assigurat taghha fil-pront, mhux a bazi ta’ xi sodisfazzjon morali rigwardanti r-responsabbilita’ ta’ l-incident izda a bazi tal-fatt li dan l-assigurat kien assigurat maghha b’mod komprensiv, (ara fol 11 et sequitur);

Ghaldaqstant din il-qorti ma tqisx li s-socjeta’ attrici nomine surrogata ippruvat il-kaz taghha skond il-ligi u konsegwentement filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------